**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 49 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Wayne Deguara**

Illum, 5 ta'Jannar, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Deguara detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 483989 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fid-29 ta' Lulju, 2016, ghal habta tal-10.30am f' Hal-Tarxien ksirt volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Art. 338 (dd) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll ghadt kliem jew espressjonijiet ta' dagha fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Art. 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll ingurjajt jew heddidt, mhux imsemmi band' ohra f' dan il-kodici, jew jekk kont ipprovokat, ingurjajt b' mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni lill-Jessica Farrugia u dan bi ksur tal-Art 339 € tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt vettura bin-numru tar-Registrazzjoni MCA 429, tal-ghamla Toyota Vits ghad-dannu ta' Jessica Farrugia liema hsara tammonta ghal €2,071.77c u dan bi ksur tal-Art 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kif ukoll hebbejt ghal persuna ta' PC 1023 Andrew Borg u ikkawzajt offiza ta' natura hafifa hekk kif gie iccertifikat mit-Tabib Susan Mallia Reg. 2253 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Art. 221 (1) tal-Kap 9;

6. Kif ukoll hebbejt ghal persuna ta' PC 1023 Andrew Bugeja inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Kif ukolll attakajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew hebbejt, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata PC 1023 Andrew Bugeja skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti bi ksur tal-Art 96 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Kif ukoll ma obdejtx l-ordnijiet legittimi ta' PC 1023 Andrew Bugeja inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtx jew fixkiltu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmirijietu, billi ma hallejtx lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi

gibt fix-xejn jew hassart dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b' xi mod iehor li kien, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienux jaqghu that disposizzjonijiet ohra ta' da il-Kodici jew ta' Ligi ohra u dan bi ksur tal-Art 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Frar, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (dd), 342, 339 (1) (e), 325 (1) (c), 221 (1), 95, 96 u 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-qorti iddikjarat l-ewwel, it-tieni, it-tielet u t-tmien imputazzjoni preskritti u b'hekk estinti, sabet lill-imputat Wayne Deguara, mhux hati tar-raba' imputazzjoni u illiberatu minnha izda sabitu hati tal-hames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjoni u ikkundannatu ghall-piena ta' hamest elef ewro multa u inoltre, wara li rat l-Art. 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum u dan wara li ai termini tal-Art. 22 (3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat lill-imputat li jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tal-liberazzjoni kondizzjonata f' kaz ta' sejbien ta' htija huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Rat ir-rikors tal-appellanti Wayne Deguara minnu pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati jew li r-reati preskritti, u tirrevoka ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz bla pregudizzju, tirriformaha dwar il-piena.

Rat illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej.

**1. Interpretazzjonijiet zbaljati tal-ligi dwar l-artiklu 95 u 96 fuq il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku**

L-esponenti se jaghmel uzu ampju minn sentenzi, u b'wicc tost kollu jikkopja minnhom

**Dwar l-Artikolu 95 tal-kap 9 :**

Fir-rigward ta' l-akkuza talli ingurja u hedded lill-ufficcjali tal-pulizija skond l-artikolu 95 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk il-Qorti ghandha tara x'inhuma l-elementi ta' dan ir-reat?

Fil-kaz **Il-Pulizija v Emanuel Pace**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissusisti d-delitt ta' oltragg *hemm bzonn li l-kliem denunzjat bhala ingurjuz, jkun inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz "officio durante ad contemplazione officii"*.

**Fil-fatt, jekk persuna li tkun pulizija tinzerta f'post u tigi ingurjata jekk ma tkunx hemm fuq xi ordni specifiku izda b'semplici kumbinazzjoni, allura dan id-delitt ma jesiztix.**

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Carmel Farrugia*** l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li *"jekk l-kliem li jintqal mill-agent lejn uffucjal pubblliku, jintqal b'sens ta' kritika, l-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista b'ebda mod tigi penalizzata, anke jekk dik il-kritika tiehu l-forma ta' rimarka ironika jew addirittura sarkastika. F'dak il-kaz ir-reat in desamina ma jirrizultax.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuele Cassar** il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-kwalita ta' ufficjal pubbliku u fil-waqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu, l-att ingurjuz ta' l-oltragg jirrikjedi l-element morali, jigifieri l-intenzjoni.

Dan mis-sentenza App Kriminali : **Daniel Mizzi**[1], li l-appellant jaghmel tieghu.

**Dwar l-Artiklu 96**

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Gunju, 2019

Fir-rigward tal-akkuza taht l-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu ukoll bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat:

Bir-rispett kollhu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma għamlitx id-distinzjoni netta li teżisti bejn l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Fiż-żewġ reati irid ikun hemm l-uffiċjal pubbliku.

Fiż-żewġ reati irid ikun waqt ix-xogħol tiegħu.

Fiż-żewġ reati irid ikun hemm id-disubbidjenza lejn l-aġir tal-uffiċjal pubbliku.

Fiż-żewġ reati jista' jkun hemm vjolenza (għax kieku kif isiru l-feriti taħt l-artikolu 95?)

Id-distinzjoni toħroġ mill-kliem fl-artikolu 96: '96. *Kull min jattaka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b' ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtoritajiet kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –*

Dan il-kliem wieħed irid iqabblu ma' dak li jingħad fl-artikolu 95: '*wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz....*'

Ħadd mill-Pulizija ma xehed li kien hemm xi ordni ta' arrest (allura jkun hemm l-esekuzzjoni tal-liġi) imma sempliċiment iż-żamma tal-buon ordni u din taqa' taħt il-kliem li dak il-Pulizija jkun qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz.

Huwa propju dak li jingħad fis-sentenza ċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-**Pulizija vs Lawrence Attard**[2] fejn joħorġu żewġ eżempji ċari, li juru distinzjoni.

Fis-sentenza App Krim Pu**l v Sean Sinclair Pace** [3]

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Settembru 1996
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 2016

"3. *Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Joseph Zahra[4]</u>** gie deciz li:

> "*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Illi l-Qorti qed tossottolinja din l-ahhar parti ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali billi huwa hawnhekk illi l-appellanti qieghed iressaq il-kontestazzjoni tieghu. Dan ghaliex fil-fehma tieghu f'dan l-incident li sehh gewwa l-isptar Mater Dei, meta l-pulizija Cilia resaq lejh biex izommu meta huwa kien fi stat ta' agitazzjoni u qieghed jirribella ghad-decizjoni tat-tobba illi jintbaghat l-isptar Monte Carmeli, dan il-pulizija ma kienx qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew jezegwixxi xi ordni moghtija skont il-ligi, billi ma kienx qieghed jipprocedi ghall-arrest tieghu, izda kien qieghed biss jipprova jikkalmah u irazznu.

Issa l-Ewwel Qorti sabet ir-reita' fl-appellanti ghal dina l-akkuza billi dehrilha illi l-ufficjal tal-pulizija fid-Dipartiment ta'l-Emergenza kien qieghed hemmhekk prezenti ghaz-zamma tal-buon ordni. Illi allura fil-mument illi huwa indahal sabiex irazzan lill-appellanti milli ikompli ihebb ghat-tabib li kien qed jezaminah, tishaq l-Ewwel Qorti, huwa kien necessarjament qieghed jezegwixxi dak li tghidlu l-ligi u dak li kien fid-dmir li jaghmel u cioe' li izomm il-bon ordni ghalkemm sa dak il-mument ma kienx qieghed jipprocedi ghall-arrest ta'l-appellanti. Izda imbaghad stranament l-Ewwel Qorti tghaddi

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002

biex ticita gurisprudenza fejn hemm indikat xort'ohra minn dak affermat minnha meta issir referenza ghad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent DeGaetano fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Lawrence Attard**[5] fejn inghad:

> *"Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta'l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta'l-artikolu 95."*

Issa il-fattispecje ta' dina id-decizjoni iccitata huma simili hafna ghal dawk taht il-lenti ta' din il-Qorti f'dan l-appell. **L-PC488 Emanuel Cilia** ighid hekk dwar dak li sehh:

> *"Meta jiena mort biex niftah il-purtiera ghax smajt l-istorbju sibt lill-imputat …. u dan ghaliex xtaq johrog mill-cubicle peress li t-tabib u l-psikjatra rieduh imur l-isptar Monte Carmeli. Illi effettivament dak il-hin Sean kien bil-wieqfa b'basket, it-tabib Dr. Mark Attard Biancardi ipprova jzommu b'id wahda. Nghid li dak il-hin Sean xejjer idejh biex qala' idejh minn idejn it-tabib. Dhalt jien zammejt lil Sean minn wara u ghidtlu 'mhux hekk habib' u meta l-imputat dar lura u induna li jiena pulizija dar u beda jaghtini bil-ponn mill-ewwel. Ha il-posizzjoni tal-boxing, tani daqqa go rasi, ippruvajt nilqa' d-daqqiet. … Jiena bdejt nersaq lura ghax kelli spazju fejn nersaq lura, uzajt ftit forza minima biex imbuttajtu fil-genb u ersaqt lura. …"*

Illi mid-deskrizzjoni ta' dan ix-xenarju kif imfisser mill-kuntistabbli stess, ghalkemm l-imsemmi ufficjal kien qieghed jaqdi d-dmir tieghu billi jipprova izomm il-bon ordni meta sofra dina l-offiza fuq il-persuna tieghu u spicca mhedded, madanakollu ma jistax jinghad illi huwa f'dan il-hin qasir kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghtija skont il-ligi minn xi awtorita'. Fl-ebda hin f'dawn l-ghaxar sekondi li

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar ist-12 ta' Settembru 1996

kien quddiem l-appellanti (kif ighid hu stess fix-xhieda tieghu) ma jidher illi huwa kien ser jipprocedi ghall-arrest tieghu.

Lanqas ma jista' jinghad li jissussisti dan ir-reat iktar tard u cioe' l-ghada fil-ghodu filwaqt li kien jinstab arrestat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, billi ma jidhirx illi f'dan it-tieni incident huwa hebb ghas-surgent Christopher Ellul li kien qieghed ghassa mieghu, jew inkella li uza xi vjolenza fil-konfront tieghu, billi s-surgent ighid illi l-appellanti qal biss xi kliem ingurjuz fil-konfront tieghu.

Kwindi l-appellanti ghandu ragun fl-ilment minnu imressqa billi huwa ghandu jinstab hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95, izda mhux ukoll dak indikat fl-artikolu 96 billi wiehed mill-elementi necessarji sabiex tinstab htija ghal dan ir-reat huwa nieqes."

**Ix-xhieda tal-Pulizija li xehed l-ahhar.**

Ghalkemm il-qorti qaghdet fuq dak li qal haddiehor bhala xhieda, naqset imqar issemmi li pulizija li wasal fuq il-post ra lill-appellant u l-pulizija Andrew Bugeja, separati minn xulxin u jitghajru min-naha ghall-ohra !

Meta pulizija ma jzommx l-awtorita` tieghu, u jaqa' ghall-istess livell ta' imputat, ikun qed jezawtora ruhu. L-esponenti jaghmel riferenza ghan-nota ta' osservazzjoni li ppresenta wara l-ahhar seduta,

Dan hu fattur important hafna, u l-qorti kienet obbligata li tezamina l-provi kollha u korrettement.

Ghalhekk qed isir ukoll appell fuq il-provi.

**Marda tal-ADHD.**

Kienet biss omm l-appellanti li qalet lill-avukat sottoskritt fuq il-marda tal-ADHD. Jidher li wara dan l-incident giet *diagnosed* u qed jinghata trattament ghaliha li ghamel differenza enormi f'hajtu. Ikun xieraq ghalhekk li jsir social enquiry report.

**Piena.**

Il-Piena ta' hamest elef ewro ( €5,000) hija ferm gravuza. Jekk ukoll jinghata terminu ta' tlett snin, il-piz ikun ta' madwar €140 fix-xahar, li ghal bniedem tal-eta` tieghu, mhux problema zghira. Dan barra l-kundizzjoni ta' sahha tieghu tal-Adhd

Bla pregudizzju anke f'kaz ta' konferma ghandu jkun hemm ottemperament fil-piena.

Rat is-sentenza moghtija minnha nhar it-3 ta' Novembru, 2020 fejn iddikjarat is-entenzamoghtija mill-ewwel Qorti nhar -25 ta' Frar 2020 bhala nulla u ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tiddecidi din il-kawza mill-gdid.
Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-1 ta' Settembru, 2020.
Ikkunsidrat.

Rat l-affidavit ta' **PS 947 Adrian Paul Vella** esebit fl-atti a fol. 3 fejn stqarr li nhar id-29 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-10.39 a.m il-pulizija tad-distrett gewinfurmati minn Jessica Farrugia li kienet xoghol Santa Cecila, Kinder Garden Schoo,l Triq Napuljun Caruana Dingli, Tarxien fejn kien hemm l-gharus taghha Wayne Deguara li kien qed jghamel storbju ta' hsara fuq il-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni MCA 429 ta' l-ghamla Toyota Vitz kif uoll li fl-istess hin gew infurmati mill-Control room li kien hemm PC 1023 li kien qieghed fuq il-post u kellu bzonn assistenza tal-pulizija.

Il-pulizija tad-distrett flimkien ma dawk ta' sezzjoni tal-RIU marru fuq il-post fejn gie arrestat Wayne Deguara u dan gie mehud l-ghassa tal–pulizija ta' Rahal Gdid, fejn gie infurmat bid- drittijiet tieghu. Jessica Farrugia giet mitkelma fuq il-post fejn stqarret li kein cemplilha l-appellant u qallha li kien ser imur iksirilha l-karozza, u din qaltlu li it-tifel kien ma ommha u haditu gurnata l-bahar u ghlahekk talbitu biex ma jmurx hemm. Qalet ukoll li ftit wara cemplilha l-appellant u qallha li kien wara l-bieb tax-xoghol taghha 'fejnminn wara it-teqa ratu jagheml hsara fuq il-karozza taghha, ki fukoll ratu ihebb ghal pesuna li kient qed tipproa tikkalmah.

Pc 1023 gie mitkellem fejn dan spjega li kien qed isuq wara vettura fejn il-Gnien ta' Mark Farrugia fi Triq Napuljun Caruana Dingli fejn f'daqqa wahda waqfet u xufier waddab xi haga mit-tieqa fid-direzzjoni ta' karozza li kienet ipparkjata b'numru ta' registrazzjoni MCA 429. PC 1023 stqarr li nizel mill-vettura tieghu u identifika ruhu max-xuffier tal-vettura ta' quddiema bhala pulizija u urieh il-karta ta' identifikazjoni tas- servizz u beda jipprova jikkalmah u cempel ghall-assitenza.

PC 1023 kompla jistqarr li f'hin minnom il-persuna ried jitlaq minn fuq il-post u ghalhekk talbu sabiex jibqa' hemm sakemm jaslu l-pulizija minhabba li kien kkawza hsarat fuq il-vettura ohra, fejn dan dahal fil-vettura biex jitlaq u ghalhekk PC 1023 hadlu c-cavetta mill-ignition biex ma jsuqx u dan hareg ghalih joffendih u hebb ghalih. PC 1023 stqarr illi beda iwissiegh biex ma imissux izda l-appellant kompla jhebb ghalih fejn anke qabdu minn ghonqu u waqqghu fil-haxix li kien hemm fejn dak il-hin walsu l-pulizija tal RIU. PC 1023 ipprovda certfikat tal- griehi ta' natura hafifa mahrug mit tabib Dr S Mallia.

**Dr Susan Mallia** xehdet nhar it-28 ta' Marzu 2017 u kkonfermat li nhar id-29 ta' Lulju 2016 ghall-habta ta' nofsinhar ezaminat lill-pulizija Andrew Bugeja u sabet li kellu xi grif fuq idejgh it-tnejn kemm tax-xellug kif ukoll tal-lemin. Kellu ukoll xi grif fuq ghonqu u fuq in-naha ta' quddiem ta' sidru. Barra minnhekk kellu ukoll brix fuq saqajgh in-naha tal-lemin. Rat ic-certfikat mediku rilaxxjat minn Dr S Mallia a fol. 17 fejn iddiskriviet l-istess feriti li xehdet dwarhom fl-awla u konfermat minnha fl-affidavit rilaxxjat minnha nhar l-10 ta' Marzu, 2017[6].

**PC 1023 Andrew Bugeja** xehed nhar is-17 t' Ottubru 2017[7], u spjega li nhar id-29 ta' Lulju, 2016 ghall-habta tal-10.30a.m waqt li kien off duty kien ghaddej bil-familja tieghu sejrin il-bahar u ghadda minn Triq Caruana Dingli, Hal Tarxien meta innota vettura ta' l-ghamla Fiat ta' kulur hamra li waqfet quddiemu u nnota persuna twaddab l-affarijiet minn gol-karozza. Ghall-ewwel haseb li kien qed iwaddab karta, imbaghad rega

[6] Fol. 20
[7] Fol. 24

waddab xi haga ohra u nnota li l-oggett kien ibes u beda ifaqqa mal-genb ta' din il-karozza li kienet ipparkjata, leima vettura kienet tal-ghamla Toyota Vitz. X'hin ra hekk induna li kien qed iwaddab xi affarijiet u innota li kienu boldijiet kbar ta' xi trakk imdaqqas biex jghamel il-hsara. Spjega ahjar u qal li l-persuna kienet qed tgara bis-sahha l-affarijeit lejn il-genb ta' karozza. Nizel mill-vettura u wera l ID card tal-pullizija lill-pesuna u minkejja dan qallu 'tindahalx Sir'.

Qal li l-pesuna induna li kien pulizja ghaliex urih l-karta ta' identita tal-pulizija. Dak il-hin kien libes T shirt u karkur sejjer lejn il-bahar u kompla jaghti bis-sieq, kisser il-mera tal-vettura u beda jaghti daqqiet ta' ponn anke fuq il-bonnett u kompla jaghmel certu hsara ohra. Qal li kien irnexxilu jikkalmah ftit. Mistoqsi jekk jgharafx il-persuna indika li kien l-appellant fl-Awla. Qal li poggih bil-qeda mal-gnien u dan fetah qalbu mieghu u qallu li kellu xi problemi mal-mara minhabba t-tifel ghaliex ma riditx turihulu u qallu li b'dan l-agir ma kien ser isolvi l-ebda problema. Waqt li kienu qed jitklemu regghet qabzitlu c-cinga ghax ried jitlaq 'l hemm u qallu li ma kienx ser ihallih jitlaq 'l hemm. Sadanitant cempel ghall-assistenza mill-Control room, ried jitlaq, hadlu c-cavetta tal-karozza biex ma jistartjax u ma jitlaqx. Hebb ghalih u qabdu minn ghonqu u spiccaw jirromblaw fil-bushes tal-gnien.Wara ftit waslu tal RIU u tawh l-assistenza. Qal li dan kollu gara waqt li kien qed jitkellem mal-Control room u ghalhekk supost hemm ir-ecording ta' dak li gara ghax tghajjarlu l-mobile minn idejh. Qal i dak il-hin hebb ghalih biex jiehu c-cavetta izda ma hallihx u beda jiddefendi ruhu

**PC 947 Ryan Galea** stazzjonat RIU xehed u spjega li nhar id-29 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-10.30 a.m gie imsejjah mill-Control room fejn gie mgharraf li kien hemm pulizija pajzan ghaddej fi Triq Napuljun Caruana Dingli, Hal Tarxien li kellu bzonn l-assistenza. Qalulu li kien hemm pulizija li pprova iwaqqaf persuna milli tkompli taghmel il-hsara u dan dar ghalih. Mistoqsi jekk PC 1023 spjegalhomx x'kien gara jghid li qalilhom li kien ghaddej bil-karozza u ra persuna twaddab xi affarijiet fuq vettura pparkjata. Qal li PC 1023 qallu li pprova iwaqqaf lill-appellant izda dan irresistih.

**PC 107 Nikolai Dalli, PS 691 Juan Mula PC 919 Ismael Camilleri** kkonfermaw dak li qal PC 947 Ryan Galea u ziedu jghidu li kienu huma li akkompanjaw lill-appellant l-ghassa sabiex ikomplu bl-investigazzjoni. **PS 691 Juan Mula** zied ighid li fil-bidu ma jsitax jghid li l-appellant ma dehrx aggressiv pero' kien qed jibki bid-dmugh 'ghajnejgh u jghid " Ghax inhobbha, inhobbha. Naghmel hekk ghax inhobbha." Dak il-hin qabad lill-appellant u ddecide li jiehdu l-ghassa bei xjevita battibekk bejnu u bejn PC 1023.

**Natalino Agius**, Assessur xehed u pprezenta assessment r-rapport li hwua ghamel fid-29 ta' Gunju 2016dwar il-vettura tal ghamla Toyota Vitz nurmu ta' registrazzjoni MCA 429 u kkonferma li l-hsra li kellha l-vattura kien jammonta ghal €2071.77. Dan ir-rpaport gie markat bhala dok NA1[8]. Spjega li l-hsarat jammontaw ghal €1516.77 oltre l-ispejjez ta' karozza tal kiri u tar-rapport tieghu .

Ikkunsidrat.

Illi l-akkuzi odjerni hargu f-14 ta' Dicembru, 2016 kif jirrizulta minn ezami tal-komparizzi li giet notifikata lill-appellant. Jidher li fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2017 l-appellant kien ghadu ma giex notifikat tant li l-ufficcjal prosekutur talab li jinnotifika lill-appellant wara l hinijiet legali. Ghalhekk l-ewwel tlett akkuzi huma preskritti stante li huma kontravenzjonijiet u konsegwentement l-appellant kellu jig innotifikat entro l-perijodu ta' tlett xhur minnmeta sehhew l-allegati kontravenzjonijiet. Dan pero' ma sarx zgur tant li l-komparixxi harget fl-14 ta' Dicembru 2016 u cioe kwazi hames xhur wara. Konsegwentement l-ewwel,it tieni, it tielet u t-tmien akkuza jirrizultaw prreskritti ai termini tal-artikolu 688 (f) tal-kodici Kriminali u l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Dwar ir-raba akkuza jinghad li dan huwa reat u ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni tieghu huwa dak ta' sentejn u konsegwentement ma hux preskritt. Jirrizulta pero' li l-akkuza hija wahda ta' hsara volontrja fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Vitz numru ta' 'registrazzjzoni MCA 429 ghad-detriment ta' Jessica Farrugia. Jirrizulta fir-rigward ta'

[8] FOl. 49 dok NA1.

din l-akkuza fl-ewwel lok li Jessica Farrugia permezz ta' verbal datat 17 ta' Ottubru' 2017[9] talbet li ma tixhedx peress li kienet qed tistenna tarbija minghand l-appellant u l-Qorti laqghet it-talba taghha u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova dwar dak li sehh dakinhar fuq il-vetttura allegatament proprjeta taghha. Il-prosekuzzjoni lanqas ma resqet rappresentant tat- transport Malta biex tipprova li l-vettura tappartjeni lilha. Di piu ir-rapport tal- assessur Natalino Agius markat bhala dok NA1 huwa datat 29 ta' Gunju, 2016 u ghalhekk qabel ma sehh l-allegat incident li gie rapportat li sehh fid-29 ta' Lulju, 2016 u ghalhekk fil-kwadru ta' dawn il-provi din l-akkuza zgur li ma tista' qatt tirrizulta ghaliex il-prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-appellant verament ghamel hsara fuq il-vettura ta' Jessica Farrugia fil-jum tal-allegat reat.

Il-hames akkuza tirrigwarda dik illi l-appellant ikkawza ferita ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' PC 1023 Andrew Bezzina. Hawnhekk il-prosekuzzjoni resqet il PC 1023 jixhed u jsipjega kif fil-fatt gie aggredit . Ex admises jghid "*..hebb ghalija u qabadni minn ghonqi,spiccajna rrumblajna gol-bushes tal gnien* ." Skond Dr Susan Mallia l-feriti li kellu PC 1023 kienu '*Grif fuq dirajgh tal-lemin u tax-xellug, fuq ghonqu u fuq sidru. Barxa fuq in-naha ta' barra ta' saqajh u il-leminija*.' Hija tikklasifika dawn il-feriti bhala dawk ta' natura hafifa. Jidher li fil-fatt dawn il-feriti sehhew ghaliex l-appellant ma obdiex l-ordni moghtija lilu minn PC 1023 u cioe biex ma jiccaqlaqx u ma jitlaqx ' l hemm. Kien meta hebb ghalih u spiccaw jirromblaw fil gnien li gew kagunati il-feriti u ghalhekk dawn sehhew proprju minhabba l-agir intempestiv u abbusiv tal-appellant. PC 497 Ryan Galea jikkonferma li meta wasal fuq il-post lil PC 1023 ra li kellu '*xi grif fuqu'* u ghalhekk dehru friski ukoll. Din l-akkuza ghalhekk fil-fehma tal-Qorti giet provata b'mod sodisfacenti.

Il-hames akkuza titratta fuq ir-reat ta' Oltragg u cioe li l-appellant ghamel offiza fuq ufficcjal pubbliku waqt li qed jghamel servizz publiku waqt li s-sitt akkuza huwa reat ta' attakk u resistenza fuq ufficcjal tal pulizija waqt il-qadi ta' dmirijietu. Jirrizulta bic-car li meta sehh l-allegat incident PC 1023 kien libes pajzan u cioe libes flok T shirt u

---

[9] Fol. 21

karkur pero'  cio nonnostante meta ra lill-appellant jikkaguna hsara fuq vettura ta' terz huwa nizel mill-karozza sabiex iwaqqaf lill-appellant minn dan l-agir illegali. Jirrizulta ukoll li kien wera l-karta ta' identita tal-pulizija tieghu lill-appellant tant li l-appellant qalli '*tindahalx Sir.*' Li hija konferma li kien jaf li kien qed ikellem ufficcjal tal-pulizija minkejja li kien libes pajzan. In oltre jirrizulta li meta l-appellant ma ridx joqghod ghall-ordni tieghu dan cempel lill-control room u ghalhekk kien jaf bic-cert li kien qed jitkellem ma ufficcjal tal-pulizija. Mhemmx dubbju ghalhekk li PC 1023 kien qed jipprova iwaqqaf lill-appellant mill-agir abbusiv tieghu li jikkaguna hsara fil-vettura ta' terz u minflok li l-appellant irregola ruhu u zamm lura dan hebb ghalih, qabdu minn ghonqu u spiccaw jirronblaw fil-gnien u bahla rizultat ta' dan l-attak spicca b'feriti ta' natura hafifa kif deskritti minn Dr S Mallia. PC 1023 jghid ex admisses li l-appellant '*hebb ghalihja biex jiehu c-cavetta u jien ama hallejtux, bdejt niddefendi ruhi*'.

Illi l-hames akkuza kif kontemplata fl-**Artikolu 95** jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie,** li jsemmi l-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu jghid:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg**[10] jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Fil-kaz in desamina jirrizulta bic-car li l-appellant kien jaf li PC 1023 Andrew Bugeja kien ufficcjal pubbliku ghaliex kein gie muri l-karta ta' identita tieghu tal-pulizija u dan mhux michud u kontestat minkejja li kein libes pajzan. Zgur li l-agir tal-appellant kien tali li jingurjah meta qabdu minn ghonqu u spiccaw jirromblaw fil-gnien. Din il-hames akkzua ghalhekk tirrizulta provata b'mod sodisfacenti.

[10] Decizmill-Qorti tal-Appelli Kriminali nahr it-2 ta' Novembru 1917

Fir-rigward tas-sitt akkuza naxxenti mill-Artikolu 96, iridu jissusistu tliet elementi essenzjali minkejja li ukoll il-vitma irid ikun ufficcjal pubbliku.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-**Mamo** jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "*persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku*". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** [11] gie deciz:

*"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".* Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – *"waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Fil-kaz in esami jirrizulta bic-car li meta l-appellant hebb ghal PC 1023 dan fil-fatt kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi ghaliex kien qed jistenna l assitenza gejja biex l-appellant jigi arrestat biex jigi investigat fuq hsara volontarja. PC 1023 kellu jiddefendi ruhu mill-agir inkonultat tal-appellant meta dan ma halihx jiehu c-cavetta tal-karozza biex jitlaq 'l hemm. Din l-akkuza ghalhekk hija provata ukoll. Jinghad li dak mistqar mix-xhieda tal-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma gie kontraadett

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2020 l-avukat difensur tal-appellant talab li tigi ingunt bhala xhud it-tabiba li tiehu hsieb lill-appellant in konnessjoni mal-kundizzjoni tieghu tal-ADHD u l-Avukat Generali ma kellhiex oggezzjoni ghal tali talba.

Semghet lil Psikjatra **Dr Maria Axiaq** tixhed seduta stante nhar is-27 ta' Lulju, 2020 u din stqarret li l-appellant ilu taht il-kura taghha sa mis-sena 2017 u kienet ratu l-ahhar gimgha qabel ma xehdet. Ikkonfermat li huwa bneidem li ibati minn ADHD u ilu ibati minn din il-kundizzjoni sa minn meta kien ghadu zghir. Hija kundizzjoni genetika u twieled biha. Tghid li din il-marda ghandha bhala sintomi dik ta' *hyperactivity* u hu ghalhekk li l-appellant il-hin kollu jonqos

Qalet li ghalhekk jinsab taht kura medika u jiehu medicinali biex jindirizza dan il-fattur. Qalet li ratu fi tlett istanzi kemm fil-komunita, gewwa il-Habs kif ukoll fl Isptar Monte

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002

Carmelli. Qalet li l-appellant joqghod ghal kura li jinghata u anke issottmetta ruhu ghal test ta' l-awrina biex tivverifika jekk ghandux problema ta' droga pero' ir-rizulat kien wiehed negattiv ghal tali presenza. Waqt li kien il-habs ghamel programm ta' terapija biex jindirizza il-problema ta' *anger managmenet.*

Bhala nuqqasijiet l-appellant ghandu nuqqas ta' attensjoni, difficli li jzomm ma l-istess task u ma l-istess pjan. Qalet li l-akbar problemi tieghu huwa il-hyperactivity u li ghandu impulsivita u b'hekk iktar ghandu cans li taqbizlu minn haddiehor.

Mistoqsi jekk minn ibati minn ADHD ikollu ukoll *anger managment problems* tghid li jista' jkollu it-tnejn izda mhux bil-fors li kul min ibati minn ADHD ghandu ukoll problemi ta' *anger management.*

Illi ghalhekk jghamel sens dak li qal l-pulizija PC 1023 Andrew Bugeja li l-appellant f'hin minnhom wara li kien irnexxilu jikkalmah qabzitlu ic-cinga. Il-fatt li l-appellant ghandu probelma ta' anger management m'ghandux jitqies bahla fattur mtiganti sabiex titnaqqas il-piena li ghandha tigi inflitta izda zgur li l-appellant ghandu jiehu l-kura sabiex ma jirrepetix incident bhal dan.

Il-Qorti rat li l-appellant ghandu fedina penali esebita fl-atti li gja ghandha hames convictions regsitrati fuqha fejn instab hati ta' reati ta' hsara volotnarja tali ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq terzi, ingurja u theddid u reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku. Rat li fil-fatt l-ewwel conviction giet registrata fis-sena 2007 meta l-appellant kien ghad ghandu 18-il sena. Cio' nonnostante pero' minkejja li inghara sentenzi fejn gie kkundannat ihallas multi u sentenza ta' prigunerija sospiza ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun klementi mal-appellant meta tigi beix teroga l-piena u lanqas ma tista' tapplika l-artikou 21 tal-kodici kriminal stante li ma jezistu l-ebda cirkostanzi specjali u gravi 'l ghala l-Qorti ghandha tinzel taht il-minimum fl-applikazzjoni tal-piena.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli 17, 95, 96 u 221 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta qeda tiddikjara l-ewwel, it-tieni, it-tielet u t-tmien akkuza bhala preskritti u ghalhekk tastjeni

milli tiehu konjizzjoni taghhom, tiddikjara li ma hix qed issib lill-appellant hati tar-raba' akkuza u ghalhekk tilliberah minnha u tiddikjara li qed issibu hati tal-hames, tas-sitt u tas-seba' akkuza u tikkundannah multa ta' erbat elef u hames mitt euro (€4,500) liema multa ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' €125 ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kodici Kriminali. L-ewwel pagament hu dovut sa mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar 2021.

F'kaz li l-appellant jonqos li jghamel pagament wiehed l-bilanc kollu restanti jkun dovut u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminal sabiex tiehu hsieb tigbor il-multa inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur